MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Numru 753/2005

Maltacom p.l.c.
vs
James Buhagiar

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Dr. Keith Grech ghan-nom ta' Maltacom p.l.c li bih appremetta:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 1775/97RCP) kienet giet deciza mill-Qorti fit-13 ta' Jannar 1999, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie ikkundannat ihallas lis-socjeta` Kummercjali Maltacom p.l.c. is-somma ta' Lm 1764.35 (elf seba' mija erba' u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 21342539, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut kien hallas is-somma ta' LM979.18 (disa' mija u disa' u sebghin lira u

tmintax-il centezmu) u ghalhekk kien baqa’ bilanc favur is-socjeta` rikorrenti ta’ LM785.17 (seba’ mija hamsa u tmenin lira u sbatax-il centezmu), oltre Lm239.49 (mitejn u disa’ u tletin lira Maltin u disa’ u erbghin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa prezentata mar-rikors u mmarkata Dokument “A”, flimkien ma’ Lm392.85 (tlett mija tnejn u disghin lira u hamsa u tmenin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-13 ta’ April, 2005, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti kien ta’ Lm1417.51 (elf erba’ mija u sbatax-il lira u wiehed u hamsin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt illi ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta talbet li l-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Dr. Keith Grech li qal li mid-data tal-prezentata tar-rikors l-intimat ma hallas xejn u ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Rat illi l-intimat debitament notifikat u mghajjat tliet darbiet ma deherx ghas-seduta tal-lum, u anqas ipprezenta risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------